

## Huwa faċli tipparteċipa fil-programm għal Imprendituri Żgħażagħ tal-Erasmus

1. **Ara l-kriterji** biex tkun tista' tipparteċipa minn fuq il-website
2. **Lesti s-CV** u l-pjan ta' negozju tiegħek
3. **Applika online minn** www.erasmus-entrepreneurs.eu
4. **Sib imprenditur** bl-esperjenza li jkun jista' jospitak, bl-għajnuna tal-punt ta' kuntatt lokali tiegħek u pprepara għall-iskambju
5. **Siefer u qatta' perjodu ta' skambju** barra minn pajjiżek għal esperjenza imprenditorjali

ET-01-17-957-MT-C

## Tixtieq aktar informazzjoni?

Żur is-sit

www.erasmus-entrepreneurs.eu

Għal aktar informazzjoni

Jew

Ikkuntattja l-Uffiċċju tal-Appoġġ għal Imprendituri Żgħażagħ tal-Erasmus

support@erasmus-entrepreneurs.eu

Twitter @EYEprogramme

Facebook EYEprogramme

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-79-71951-6
doi:10.2873/582380

Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea



# Imprenditur ġdid

Iddeċidejt li twaqqaf kumpanija, jew għadek kemm ftaħt negozju ġdid imma m'intix ċert li se tmur tajjeb?







Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ

**QIEGĦED IMFASSAL GĦALIK!**







#EUandME
#ErasmusEntrepreneurs

Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ

# Dan x’inhu?

Il-programm Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ **huwa programm ta’ skambju għall-imprendituri** li hu ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea. Huwa joffrilek **l-opportunità li taħdem ma’ imprenditur tal-esperjenza f’pajjiż parteċipanti ieħor biex issaħħaħ il-ħiliet** li teħtieġ biex tiżviluppa n-negozju tiegħek. Tista’ tgħix barra minn pajjiżek għal bejn xahar u sitt xhur.

# Għalfejn se

## noqgħod insiefer biex nieħu parti fi skambju?

Bħala wieħed/waħda li tixtieq tkun imprenditur, jew imprenditur li għadu qed jistabbilixxi n-negozju, tista’ ssib ruħek f’salib it-toroq. Għandek bżonn min jiggwidak. It-taħriġ fuq il-post tax-xogħol ma’ imprenditur tal-esperjenza **jgħinek twieġeb id-domandi tiegħek u jippreparak biex tmexxi l-kumpanija tiegħek** b’suċċess.

## Iżda dan mhux Kollox! Inti tkun tista’ wkoll:

- tiżviluppa l-kuntatti internazzjonali;
- titgħallem dwar is-suq f’pajjiż ieħor, u dwar il-modi varji li bihom tista’ tagħmel il-kummerċ;
- issaħħaħ il-ħiliet speċifiċi għas-settur magħżul tiegħek
- tiltaqa’ ma’ nies li rnexxew fin-negozju;
- tiskopri l-opportunitajiet potenzjali għall-kooperazzjoni;
- Tingħata għajnuna finanzjarja għal matul il-perjodu ta’ skambju.

Il-Programm Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ

# fil-prattika:

Il-programm huwa mmexxi minn netwerk ta’ punti ta’ kuntatt lokali li jinkludu: Kmamar tal-Kummerċ, inkubaturi u organizzazzjonijiet oħra li jsostnu n-negozji li hemm fil-pajjiżi parteċipanti.

Wara li timla l-applikazzjoni online u tkun aċċettat li tieħu sehem fil-programm, il-punt ta’ kuntatt li tkun għażilt int f’pajjiżek **jipprovdilek l-appoġġ u l-għajnuna** biex tfittex imprenditur li jospitak.

Tieħu wkoll l-għajnuna prattika waqt iż-żjara tiegħek.

Għal aktar informazzjoni dwar il-punti ta’ kuntatt f’pajjiżek, mur fil-paġna “Il-punt ta’ kuntatt lokali tiegħek” fil-website tal-programm.





# Inti tista’ tibbenefika mill-programm għal IMPRENDITURI ŻGĦAŻAGĦ jekk:

**Tixtieq** tkun imprenditur u għandek pjani sodi li twaqqaf negozju JEW int imprenditur li waqqaft in-negozju tiegħek f’dawn l-aħħar 3 snin. **M’hemmx limitu ta’ età!**

**Inti** resident permanenti f’wieħed mill-pajjiżi parteċipanti;

**Għandek** proġett konkret jew idea kummerċjali soda li rriżultaw fi pjan kummerċjali;

**Tista’** turi l-motivazzjoni u l-impenn tiegħek biex tidħol f’relazzjoni kummerċjali ma’ imprenditur tal-esperjenza minn pajjiż ieħor parteċipanti;

**Inti** lest/a li tagħti sehmek fl-iżvilupp tan-negozju tal-imprenditur li se jospitak;

**Inti** lest/a li tkopri ispejjeż taż-żjara tiegħek barra minn pajjiżek jekk dawn jaqbżu l-ammont ta’ flus li ttik l-UE.